**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA’ LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 98 – IT-TNEJN, 5 TA’ FRAR 2018 FIL-5.35PM**

Il-Kunsill iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 97**

1.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Trevor Fenech issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mtella mill-Minuti 97**

2.1 Ma kienx hemm punti.

**3 Pagamenti Numru 85**

3.1 Rigward pagament Numru 24, is-Sur Trevor Fenech ilmenta li kellu jiġi ppreżentat programm iddettaljat b'lista tal-ispejjeż. Hu jaqbel li dan il-pagament għandu jitħallas din id-darba, imma għal darb‘oħra għandu jsir programm.

3.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

4.1 Għandha ssir laqgħa mas-Segretarju Parlamentari, l-Onor Silvio Parnis fit-12 ta' Frar fit-3.00pm fl-uffiċċju tiegħu.

4.2 Kien hemm qbil li ssir bozza ġdida fl-aħħar parti ta' Triq taż-Żwejt ħdejn il-bus stop.

4.3 Kien hemm qbil li jinxtraw aktar vouchers tan-neutering tal-qtates.

4.4 Kien hemm qbil li jsir il-fuljett tal-Ġimgħa l-Kbira u jinkludi messaġġ mis-Sindku fih.

## 5 Korrispondenza

5.1 Ġiet innutata ittra ffirmata minn numru ta' residenti u ġenituri tat-tfal li jattendu skola fi Triq tas-Sliema. Din qed titlob li jsiru numru ta' interventi biex ikun hemm aktar safety. Kien hemm qbil li jiġu nstallati tabelli kif ukoll refreshing taż-zebra crossing.

5.2 Il-Kunsill ġie nfurmat li rċieva appell fuq Tender SGNLC/T/3/2017 (doggie bins, dog park u picnic area).

5.3 Kien hemm qbil li tiżdied skip tal-ħwejjeġ għar-reċiklaġġ fi Triq taż-Żwejt.

## 6 Affarjiet ohra

6.1 Is-Sur Dominic Cassar talab biex issir tabella Keep Quiet Residential Area fi Triq il-Bosfru minħabba l-istorbju li qed ikun hemm. Hu lmenta wkoll rigward il-bżonn ta' aktar dawl fi Triq tal-Balal.

6.2 Is-Sinjura Marica Bayliss ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill li l-Għaqda tan-Nar ser jorganizzaw attività taħt it-tinda. Dawn għandhom jipprovdu insurance u risk assessment biex jinħareġ il-permess. Għandha titneħħa l-website l-antika tal-Kunsill.

6.3 Is-Sur Trevor Fenech talab biex tintbagħat ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija, fejn jiġi kkwotat il-parti tal-liġi fejn il-Pulizija huma obbligati jieħdu azzjoni kontra minn joħloq inkonvenjenza.

6.4 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis talab biex jiġi mħawwel hedge fl-istrippa fi Vjal ir-Riħan.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.00pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 5 ta' Marzu 2018 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Etienne Bonello Du Puis** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |